

Brussell, 29 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10058/26  
COR 1

CADREFIN 259  
FIN 807  
RESPR 27  
POLGEN 143

**NOTA**

|          |                                                                       |
|----------|-----------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                      |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                         |
| Suġġett: | Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034<br>- Kaxxa ta' Negożjar |

Fid-dokument 10058/26 INIT

Fil-paġna 16, il-paragrafu 39 għandu jaqra kif ġej:

39. Fil-programmazzjoni tagħhom, l-Istati Membri ser jiżguraw investimenti xierqa għall-miżuri tal-politika ta' koeżjoni fil-kategoriji kollha tar-reġjuni, filwaqt li jqisu l-livelli attwali ta' investiment. Jekk l-allokazzjoni għar-reġjuni fi tranżizzjoni u dawk aktar żviluppati tkun inqas minn ~~[25]~~75 % tal-livell ta' investiment attwali, l-Istati Membri ser jipprovdu ġustifikazzjoni bbażata fuq kriterji oġġettivi.

Fil-paġna 16, il-paragrafu 40 għandu jaqra kif ġej:

40. Il-Pjanijiet ser jiġu vvalutati mill-Kummissjoni fi żmien erba' xhur mill-preżentazzjoni u approvati mill-Kunsill. L-emendi għall-Pjanijiet ser jiġu vvalutati mill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni tal-Pjan emendat u approvati mill-Kunsill. ~~Il-Kummissjoni tista', fl-każijiet debitament ġustifikati, tipproponi li l-Istat Membru jemenda miżuri eżistenti jew jintroduċi miżuri ġodda.~~

Fil-paġna 26, il-paragrafu 68 għandu jaqra kif ġej:

68. Is-sehem tal-kooperazzjoni transfruntiera jikkorrispondi għas-somma tal-ponderazzjoni tal-kriterji (i) u (ii). Is-sehem tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali jikkorrispondi għall-ponderazzjoni tal-kriterju (iii). Is-sehem tal-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi jikkorrispondi għall-ponderazzjoni tal-kriterju (iv).

Fil-paġna 35, il-paragrafu 94 għandu jaqra kif ġej:

94. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għal Orizzont Ewropa għall-perjodu 2028-2034 ser ikun EUR [148 579] miljun, li minnhom
- i) EUR [37 42~~40~~40] miljun għal Xjenza Eċċellenti;
  - ii) EUR [64 145~~419~~419] miljun għall-Kompetittività u s-Soċjeta';
  - iii) EUR [32 929] miljun għall-Innovazzjoni;
  - iv) EUR [13 807] miljun għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka, li minnhom [4 573] miljun għat-twessigħ tal-parteċipazzjoni.

Fil-paġna 35, il-paragrafu 96 għandu jaqra kif ġej:

96. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2028-2034 ser ikun ta' EUR [69 309] miljun, li minnhom:
- i) EUR [43 889] miljun għat-trasport u l-mobbiltà militari[, li minnhom EUR [15 110] miljun għall-mobbiltà militari].
  - ii) EUR [25 420] miljun għall-enerġija.

Fil-paġna 41, il-paragrafu 110 għandu jaqra kif ġej:

110. L-Istrument għandu jippermetti l-għoti ta' appoġġ sa ammont massimu ta' EUR [95 000] miljun (fi prezzijiet attwali) fil-forma ta' garanziji baġitarji, self tal-Euratom, self fil-forma ta' assistenza makrofinanzjarja, u self ibbażat fuq il-politika b'mod partikolari lill-pajjiżi sħab li jimplimentaw pjanijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni. [Is-self ibbażat fuq il-politika ser ikun disponibbli permezz ta' atti ta' implimentazzjoni]. Ammont indikattiv ta' EUR [19 000] ~~biljun~~ **miljun** (fi prezzijiet attwali) ser jiġi allokat lill-BEI.

Fil-paġna 49, fit-tabella "Anness. Qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 (f'impenji)", fil-linja "Appoġġ għall-introjt tal-Politika Agrikola Komuni (PAK)", fil-kolonna "Proposta tal-KUMM Total 2028-2034 (prezzijiet tal-2025)", iċ-ċifra għandha taqra kif ġej: ~~259,231~~ **261,009**.

Fil-paġna 49, fit-tabella "Anness. Qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 (f'impenji)", fl-ewwel kolonna, it-titlu tal-linja "*Koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali inkluż is-sajd u l-komunitajiet rurali*" għandu jaqra kif ġej: "*Koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali inkluż is-sajd u l-komunitajiet rurali u t-turiżmu*".